



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 1 ta' Ġunju 2011 (06.06)
(OR. en)**

10859/11

LIMITE

FISC 76

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2011 il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) qabel dwar ir-rapport tiegħu lill-Kunsill (ECOFIN) kif jinsab fid-dokument 10857/11 FISC 75.
2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġejjin:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Ungeriża kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 10857/11 FISC 75);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja l-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-tnaqqis, kif ukoll biex ikompli bil-ħidma skont il-Pakkett ta' Ħidma maqbul mill-Kunsill (ECOFIN) fil-5 ta' Diċembru 2008 (dok. 16410/08 FISC 174);
- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli d-diskussjonijiet mal-pajjiżi terzi kif jinsab fir-rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolarment informat dwar il-progress;

- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Pollakka jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 10857/11 FISC 75) flimkien mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dan l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu.
